MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2005

Numru 14/2005

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Angelo Cassar** ta' 22 sena, bin Saviour u Rose nee' Abdilla, mwieled Pieta' fl-1 ta' Gunju, 1982, residenti f' nru. 12, Triq Lorenzo Gafa', Zejtun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 308682(M);

talli fit-30 t'Ottubru, 2004 ghall-habta tat-3.00 p.m fi Vjal il-25 ta' Novembru, Zejtun (1) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti waqt li kont qed issuq il-vettura tal-marka 'Toyota Starlet' bin-numru tar-registrazzjoni EBI-275 ikkagunajt incident stradali li fih ikkagunajt offizi ta' natura gravi li ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh u li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Andrew Mclean ta' hdax il-sena miz-Zejtun kif gie

ccertifikat minn Dr. Michael Spiteri MD ta' S.L.H, u dan bi ksur tal-Art 226 1 (1a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (2) talli fl-istess jum, lok, hin u cirokostanzi kkagunjat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Godfrey Mclean miz-Zejtun kif gie ccertifikat minn Dr. Alan Drago MD ta' S.L.H, u dan bi ksur tal-Art 226 1 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, (3) u aktar talli inqast tiehu l-misuri kollha necessarji sabiex taqsam fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukol in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex dan il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tla-kawza;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikol 226 (1) tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat:

Ikkunsidrat illi dan l-incident stradali seta kien facilment evitat b'sewqan aktar prudenti tal-imputat. Mix-xhieda mismugha kif ukoll mill-iskizz esebit jirrizulta illi l-imptuat qasam il-kareggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta biex jidhol fil-pompa tal-petrol li hemm iz-Zejtun. Ghalkemm huwa ghamel manuvra li hija permessa skond is-sinjali ta' dik it-triq, jirrizulta illu huwa ma waqafx qabel kiser b'mod illi il-vettura gejja mid-direzzjoni opposta mhux biss waqfet bid-daqqa li hadet mieghu talli l-istess imputat baqa' sejjer fil-parkegg tal-istess pompa b'mod li ma twaqqafx bl-impatt u dan juri b'mod manifest l-ispeed li kien sejjer bih.

Stante illi piena karcerajra mhix addatata ghal-dan il-kaz, bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-kap 9 il-Qorti qed tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' Lm600 u tikwalifikah

milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien tletin jum mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------